# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 628/2020 JVC**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Etienne Fenech ID 241968**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi in segwitu ghall-Mandat ta' Sekwestru numru 591/14 fl-ismijiet Mario Vella ID 54955(M) vs Etienne Fenech (kopja annessa (Dok A) l-intimat Etienne Fenech talab u ottjena l-hrug ta' kontro-mandat bin-numru 619/2014 (kopja annessa (Dok B) limitatament ghal HSBC Bank Malta plc. fuq il-pretiza illi l-istess Etienne Fenech kellu bizzejjed fondi fil-Bank of Valletta plc sabiex jikkawtelaw il-pretenzjoni tas-sekwestrant Mario Vella.

2. Illi permezz ta' rikors intavolat minn Mario Vella fit-23 ta' April 2018, l-istess Vella infoma l-Qorti illi ghalkemm Etienne Fenech kien ottjena kontro-mandat limitatament ghall-HSBC Bank Malta plc fuq il-pretiza li huwa kellu bizzejjed fondi mal-Bank of Valletta plc, fil-fatt irrizulta li dan ma kienx minnu tant illi l-istess Bank of Valletta plc kull ma ddepozitat kien cedola b'ammont ta' Eur 397.70 li huwa ferm inqas mill-ammont pretiz u ghalhekk talab lill-Qorti tihu l-passi opportuni kontra l-istess Etienne Fenech (Kopja tar-rikors qed tigi hawn annessa Dok C).

3. Illi in segwitu ghar-Rikors sudett din l-Onorabbli Qorti permezz ta' Digriet tas-26 ta' Lulju 2018 ordnat lill-esponenti sabiex iniedi proceduri ta' disprezz kontra l-intimat Etienne Fenech ID 241968 (Dok D).

4. Illi in adempiment ma tali ordni l-esponenti qed jintavola r-rikors odjern.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, jghid l-intimat ghaliex m'ghandiex din Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:

1. Issib lill-intimat hatji ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha ai termini tal-artikolu 997 u 1003 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lill-intimat ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah ghall-prigunerija ghal żmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimat ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Etienne Fenech li taqra kif isegwi:

'Illi l-esponenti jirrespingi t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi huwa jikkontesta illi huwa b'xi mod kien hati ta' disprezz lejn il- Qrati u lejn l-attur.

Illi huwa in effetti ma ffirma l-ebda dokument u ma ha ebda gurament fuq l-ebda tip ta' dokument li setgha gie ppresentat fil-Qorti ghan-nom tieghu ghall-hrug tal-kontro mandat numru 619/2014 (Dok B). Illi fil-fatt tali Dokument B jikkonferma li huwa ma ffirmax u ma halifx dan id-dokument u kwindi jsegwi illi huwa la volutament u wisq anqas konsapevolment ma kien bl-ebda mod qed jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita tal-Qorti.

Illi huwa ben konsapevoli li kien obbligat jhallas s-sorte u spejjes legali fil-kawza fil-mertu intavolata kontrih min Mario Vella u jinstab jippresenta l-prova tal-hlas effettiv li huwa ghamel meta intalab mill-kontroparti. **Dokument EF 1** hawn esebit jikkonferma tali hlas ferm qabel l-kawza odjerna u kwindi certament ma kien hemm ebda konsapevolezza jew gharfien ta'dak issa allegat fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant jsegwi illi ;

1. Huwa ma ghandux jinstab hati ta' disprezz kontra l-Awtorita tal-Qorti ai termini tal-Artikoli 997 u 1003 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Konsegwentement jsegwi li din il-Qorti ma ghandhiex tikkundanna l-intimat jhallas ebda pieni, multi u/jew prigunerija.

3. Jsegwi li ma ghandhomx jinghataw ebda ordnijiet ai termini tal-Artiklu 997 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan salv eccezzjoniiet u sottomissjonijiet ulterjuri.'.

Rat ix-xiehda, kopja ta' mandat ta' sekwestru u kopja tal-kontro-mandat, digrieti, nota, ittri, rikorsi, cedoli ta' depozitu, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 26 ta' April, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet fl-istess seduta tas-26 ta' April, 2022 liema trattazzjoni giet traskritta u tinsab fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti fil-Qosor:**

Illi jirrizulta li l-kwistjoni kollha bdiet konsegwenza tal-prezentata ta' talba ghall-hrug ta' kontro-mandat bin-numru 619/2014 (ara kontro-mandat a fol. 17 et seq tal-process) in segwitu ghall-Mandat ta' sekwestru bin-numru 591/14 fl-ismijiet Mario Vella -vs- Etienne Fenech (ara mandat a fol. 4 et seq tal-process).

Illi jirrizulta li fil-kontro-mandat 619/2014 kien intalab li jinhareg kontro-mandat limitatament fil-konfront tal-HSBC Bank Malta plc peress li kien hemm bizzejjed fondi li jikkawtelaw il-pretensjonijiet ta' Mario Vella fil-kontijiet tal-Bank of Valletta plc. Sabiex isahhah l-argument tieghu li fil-kontijiet tal-Bank of Valletta plc kien hemm bizzejjed fondi, l-avukat tal-intimat Etienne Fenech esebixxa kopja ta' 'Garnishee Order Advice' (ara kopja tal-advice a fol. 18 tal-process).

Illi rrizulta li effettivament l-intimat Etienne Fenech ma kellux fondi bizzejjed fil-kontijiet bankarji tal-Bank of Valletta plc u ghalhekk Mario Vella kien intavola rikors nhar it-23 ta' April, 2018 fejn talab li jizdied il-bank HSBC Bank Malta plc bhala sekwestratarju, kif ukoll li jittiehdu l-passi li jidhrilha xieraq u opportun fil-konfront tal-intimat Etienne Fenech (ara rikors a fol. 25 et seq tal-process).

Illi in segwitu ghar-rikors tat-23 ta' April, 2018 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet tas-26 ta' Lulju, 2018 (ara digriet a fol. 30 tal-process) laqghet l-ewwel talba u fir-rigward it-tieni talba stante li qieset li l-intimat Etienne Fenech kien stqarr il-falz peress li kien ben konsapevoli li fil-kontijiet tal-Bank of Valletta plc ma kienx hemm bizzejjed fondi biex jikkawtela l-pretensjonijiet tas-sekwestrant ordnat lid-Direttur Qrati Civili u Tribunali sabiex jinbdew proceduri kontra Etienne Fenech ghal disprezz lejn l-Awtorita' taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk il-kawza odjerna giet intavolata mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali in segwitu ghad-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Lulju, 2018 fejn fost affarijiet ohra qieghed jintalab li tinstab il-htija tal-intimat Etienne Fenech ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha ai termini tal-Artikolu 997 u 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li tikkundanna lill-intimat ghall-piena ndikata fl-istess artikoli u li timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimat ai termini tal-Artikolu 997 sub-artikolu 2 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-intimat Etienne Fenech jikkontesta bil-qawwa kollha li huwa b'xi mod kien hati ta' disprezz lejn il-Qorti. Huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. L-intimat eccepixxa wkoll li in effett huwa ma ffirma l-ebda dokument u ma ha ebda gurament fuq l-ebda tip ta' dokument li seta' gie pprezentat fil-Qorti ghan-nom tieghu ghall-hrug tal-kontro-mandat u ghalhekk jsegwi li huwa la volontarjament u lanqas konsapevolment ma kien qed jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti. Jeccepixxi wkoll li hu kien ben konsapevoli li kien obbligat li jhallas s-sorte u l-ispejjez fil-kawza intavolata minn Mario Vella u pprezenta prova

tal-hlas effettiv li huwa ghamel meta ntalab mill-kontro-parti u ghalhekk jsostni li ma kien hemm l-ebda konsapevolezza jew gharfien ta' dak allegat fil-konfront tieghu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali u Fattwali:</u>**

Illi din hija kawza ghall-kundanna konsegwenza ta' allegat disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kif dispost fl-Artikolu 1003 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-kaz odjern l-intimat Etienne Fenech ottjena l-hrug ta' kontro-mandat bin-numru 619/2014 limitatament fil-konfront tal-bank HSBC Bank Malta plc billi ddikjara bhala raguni li kien hemm bizzejjed fondi mal-Bank of Valletta plc u esebixxa ittra 'Garnishee Order Advice' fejn fiha kien hemm iddikjarat illi 'The following account/s stated below has/have been blocked for the amount of €6,135.39.' (a fol. 18). Jirrizulta li l-kontro-mandat inhareg in bazi ta' dak dikjarat u d-dokument anness. Pero' sussegwentament irrizulta li mhux minnu li fil-kontijiet tal-Bank of Valletta plc kien hemm fondi sufficjenti li jikkawtelaw il-pretensjonijiet tas-sekwestratarju Mario Vella. Kien ghalhekk li s-sekwestratarju Vella ghamel rikors u l-Prim Awla ordnat fost affarijiet ohra li jittiehdu passi ta' disprezz kontra l-intimat Etienne Fenech.

Illi dwar il-procedura ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti jinghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali -vs- Mario Caruana et** deciza nhar l-20 ta' April, 2007 illi:

> 'Il-procedura ta' disprezz hija mahsuba biex thares ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti. Wahda mis-setghat ewlenin ta` kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk

> biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta` kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita`, li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Lord Denning fil-kawza "In re Bramblevale Ltd (1970)", "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempt's of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt" (sottolinear ta` din il-Qorti)'.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza deciza nhar it-28 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet **Avukat Irene Bonello -vs- L-Onorevoli Prim Ministru et** fejn inghad illi:

> 'L-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u huwa mahsub biex jassigura l-bwon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-proceduri. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jazzarda jonqos mir-rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti.'

Intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati Superjuri -vs- Salvu Bellotti et** deciza nhar l-10 ta' Dicembru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi:

> 'Jiehtieg li kulhadd jifhem li biex jinzamm il-bwon ordini fis-socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Ordni tal-Qorti ghandu jkun obdut u se mai ghandu jkun jkun kontestat fi proceduri ad hoc; izda certament tali ordni ma tistax tigi injorata.'

Illi f'wahda mill-eccezzjonijiet tieghu l-intimat Etienne Fenech jargumenta li in effetti huwa ma ffirma l-ebda dokument u ma ha l-ebda gurament fuq l-ebda dokument li seta' gie pprezentat fil-Qorti ghan-nom tieghu ghall-hrug tal-kontro-mandat bin-numru 619/2014. Isostni li ghalhekk huwa la volontarjament u anqas konsapevolment ma kien qed jonqos l-Awtorita' tal-Qorti.

Illi minn harsa lejn il-kontro-mandat a fol. 17 et seq tal-process jirrizulta li huwa minnu li l-intimat Etienne Fenech la ha gurament fuq il-kontro-mandat u lanqas ha gurament fuq id-dokument 'Garnishee Order Advice'. In fatti jirrizulta li dan il-kontro-mandat gie pprezentat mill-Avukat David Camilleri u l-PL Daniel Aquilina fl-24 ta' April, 2014 u gie akkordat l-ghada fil-25 ta' April, 2014. Ghalkemm verament dan sar ghan-nom tal-intimat ma tressqet l-ebda prova li huwa kien verament konxju li kien qed jigi pprezentat dan il-kontro-mandat u l-konsegwenzi tieghu.

Illi l-Qorti fliet ukoll il-kliem uzat fil-'Garnishee Order Advice' ikkwotat aktar il-quddiem minn fejn setghet tinnota li l-kliem uzat '…have been blocked for the amount of €6,135.39' mhux kliem felici xejn u jaghti x'jifhem li effettivament huwa minnu li l-ammont ta' €6,135.39 jezisti fil-kontijiet ikkwotati fl-istess ittra u ghalhekk gew blukkati. Dan aktar u aktar meta wiehed jinnota li l-Bank of Valletta plc seta' facilment ghamel uzu minn parti ohra tal-istess ittra 'Garnishee Order Advice' li kienet aktar f'lokha ghal kaz odjern. Infatti fl-istess ittra l-bank setgha ghamel uzu billi mmarka s-segwenti:

> ' The following account/s has/have been debited with the amount of € which has been deposited in Court according to law: (attached please find the relative transaction voucher);

Account No/s:

You may now operate the said account/s normally/ the said account/s are still blocked for the balance of € .'

Illi fil-mori tal-kawza xehed ukoll is-sekwestratarju Mario Vella fis-seduta tas-26 ta' April, 2022 minn fejn irrizulta li effettivament huwa rcieva minghand l-intimat Etienne Fenech dak li kellu jithallas. Qal illi:

| | |
|---|---|
| 'Il-Qorti: | Jigifieri inti, illum dak li kellek tiehu ghadek ma hadtux? |
| Xhud: | Hadtu, hadtu, Le, hadtu. |
| Il-Qorti: | Thallast. |
| Xhud: | Thallast. |

…

| | |
|---|---|
| Xhud: | Naf li thallast. Ilu li thallast, iva. |
| Il-Qorti: | Anka l-ispejjez gbart? |
| Xhud: | Le, le, le, kollox, kollox.' |

Illi l-Qorti wara li rat dak kollu suespost, temmen li l-kontro-mandat u l-uzu tal-'Garnishee Order Advice' ma sarx bl-intenzjoni ta' qerq u b'nuqqas ta' rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti. Dan aktar u aktar ikkunsidrat li xi darba jew ohra kien ser ikun maghruf li

fondi fil-kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta plc ma kienx hemm – kif fil-fatt gara. Il-Qorti temmen li l-mod kif giet redatta l-'Garnishee Order Advice' mill-Bank of Valletta setghet zgwidat lill-partijiet u l-Avukati rispettivi bil-konsegwenza li l-Avukat tal-intimat ghamel uzu minnha sabiex jigi pprezentat il-kontro-mandat izda mhux b'xi intenzjoni ta' qerq.

Il-Qorti rat ukoll li fix-xiehda tieghu tas-26 ta' April, 2022 l-istess intimat fuq domanda specifika tal-Qorti specifika li hu fl-ebda hin ma kellu xi intenzjoni li jigbed il-flus li kellu maqbuda b'mod frawdolenti sabiex ma jithallasx il-kontro-parti. Jinsisti li hu mhux ser jagixxi b'tali mod li jhammeg ismu.

Ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tqis li ma giex sufficjentement pruvat li l-intimat Etienne Fenech agixxa konsapevolment b'disprezz lejn il-Qorti u ghalhekk ma jirrizultax l-intent li jonqos mir-rispett lill-Qorti. In vista ta' dan il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' r-risposta tal-intimat u ma ssibx lill-intimat hati ta' disprezz fil-konfront tal-Awotrita' tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 977 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex tilqa' r-risposta tal-intimat Etienne Fenech u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent Direttur, Qrati Civili u Tribunali.

Fic-cirkostanzi li kien il-kontro-mandat mitlub mill-intimat li wassal ghal dawn il-proceduri u wkoll il-fatt li hu ma pprezenta l-ebda risposta ghar-rikors sabiex jittiehdu proceduri ta' disprezz

fil-konfront tieghu nonostante li kien debitament notifikat, l-ispejjez tal-proceduri odjerni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Mejju, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju, 2022**